MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2014

Rikors Ta Revoka Numru. 103/2014

**Fl-atti tal-mandat ta' Qbid Nru 116/14 fl-ismijiet:**

**Victoria Bonello [ID 464884(M)]**

**-VS-**

**Marlon Bonello [ID 25783(M)]**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Marlon Bonello tal-21 ta' Mejju, 2014 li jaqra hekk:

*"Illi l-mandat ta' qbid odjern huwa irritu u mhux prima facie gustifikat u dan ghar-ragunijiet segwenti ;*

*Illi jibda biex jinghad li persuna li tohrog mandat ghandha jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha harget il-mandat. Jirrizulta mill-mandat odjern li r-rikorrenti ddikjarat illi l-kawzali jirraprezentaw manteniment, u valur ta' zewg vetturi u dghajsa li jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet, fis-somma ta' €95,000;*

*Illi r-rikorrenti ma ghandha ebda bazi ghall-pretensjoni taghha, u lanqas ma ghandha bazi sabiex tillikwida l-pretensjoni taghha f'dik is-somma mahlufa fil-mandat, hekk kif ser jigi spjegat aktar fid-detall hawn taht;*

*Illi primarjament l-pretensjoni tal-manteniment ma jezistix. Il-partijiet, sal-gurnata tal-llum, ghadhom ma innizjaw ebda procedura ta' medjazzjoni, wisq anqas ma jezisti digriet ghall-hlas ta' manteniment lill-intimata. Fil-fatt, il-partijiet ghadhom jghixu flimkien, u l-esponent imanti lil familtu esklussivament wahdu;*

*IIli fit-tieni lok jinghad illi fil-mandat odjern r-rikorrenti tindika zewg vetturi bin-numru ta' registrazzjoni DBV 703 u BON 023 tat-tip BMW, kif ukoll dghajsa li ghandhom jigu, maqbuda;*

*Illi fir-rigward taz-zewg vetturi, dawn lanqas ma huma registrati fuq isem 1-esponent, u dan ghaliex fil-11 ta' Marzu 2014, l-istess gew trasferiti lil dealer Montebello Enterprises Limited (vide Doks. MB1 u MB2), u dan minhabba d-djun li kien hemm fuqhom;*

*IIIi r-rikorrenti tant kemm kienet konxja tal-fatt li l-vetturi mertu ta' dan il-mandat ma kienux f'isem l-esponent, izda li senjatament gew trasferiti lil terz, li hi stess iffirmat l-logbooks tal-vetturi mat-trasferiment taghhom;*

*IIli ghalhekk jirrrzulta b'mod car u inekwivoku illi r-rikorrenti malizjozament ipprezentat dan il-mandat, u ghamlet dikjarazzjonijiet foloz. Kif inghad, 1-esponent ghadu jghix mar-rikorrenti u z-zewg itfal minuri taghhom, u ghadu jmanti lil familtu. Ir-rikorrenti hija ben konxja tal-fatt li ma hemm ebda forma ta' digriet dwar manteniment, jew proceduri ta' separazzjoni. Barra minn hekk, r-rikorrenti stess kienet parti mit-transazzjoni u t-trasferiment tal-vetturi lit-terz. Il-mandat odjern ghalhekk huwa intenzjonat sabiex ikompli jkisser lill-esponent finanzjarjament, u dan minghajr ebda raguni valida;*

*Illi ghaldaqstant, il-mandat odjern qatt ma jista' ikun prima facie gustifikat meta r-rikorrenti ma ghandha ebda bazi legali ghall-pretensjonijiet taghha, u meta l-kawzali ndikati fl-istess mandat ma jiggustifikawx l-ammont mitlub mill-intimata;*

*Illi fic-cirkostanzi, lanqas ma jkun ragonevoli jew gustifikabbli li jinzamm tali mandat fis-sehh, u l-esponent jikkonkludi li l-hrug ta' dan il-mandat kien wiehed mittiefes b'qerq u mala fede, intenzjonat biss sabiex jivvessa u jistultifika lill-esponent;*

***Ghaldaqstant l-esponent bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha (1) tordna r-revoka contrario imperio tal-mandat ta' qbid numru 116/14 fl-ismijiet surreferiti stante illi t-talbiet tar-rikorrenti m'humiex prima facie gustifikati u lanqas ragonevoli u gustifikabbli u dan hekk kif kontemplat mill-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u (2) tikkundanna lir-rikorrenti thallas penali taht l-artikolu 836 (8) (b),(c) u (d) stante li t-talba saret b'malizzja u b'mod frivolu u vessatorju ghar-ragunijiet suesposti; (3) tikundanna lir-rikorrenti thallas danni lill-esponent sofferti mill-esponent ai termini ta' l-artikotu 836(9); kif ukoll (4) tikkundanna lir-rikorrenti sabiex a spejjez taghha tohrog il-kontro-mandat opportun u bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra r- rikorrenti, u dan taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq."***

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-21 ta' Mejju 2014 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-Erbgha 4 ta' Gunju 2014;

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet ta' Marlon Bonello tas-26 ta' Mejju 2014;

Rat illi ir-rikors promotorju, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimata skond il-ligi bil-procedura tal-affissjoni fil-4 ta' Lulju 2014, fil-gazzetta tal-gvern fit-18 ta' Lulju 2014, u fil-gazzetti lokali fit-22 ta' Lulju 2014,

Rat ir-risposta ta' Victoria Bonello tal-21 ta' Lulju 2014 li taqra hekk:

*"Fl-ewwel lok hija taghti ruhha notifikata bir-rikors fuq imsemmi.*

*Illi it-talba tar-rikorrent Marlon Bonello ghandha tigi michuda bl-ispejjez ghar-ragunijiet li gejjin: -*

1. *Fl-ewwel lok, r-rikorrenti Marlon Bonello, minkejja li hu qed jahdem arbitrarjament mhux qed ihallas manteniment lill-esponenti la ghaliha u lanqas ghal uliedha, u dan minkejja li hija ma tahdimx u tiehu hsieb lil uliedha. L-esponenti bdiet proceduri*

*ghas-separazzjoni personali permezz ta' ittra ta' medjazzjoni (Dok VB1) u ipprezentat rikors sabiex dina l-Onorabbli Qorti tiffissa l-manteniment (Dok VB2). Minkejja li r-rikorrenti kien jaf li hemm il-medjazzjoni ghaddejja hu qatt ma attenda ghal-laqghat tal-medjazzjoni u tabilhaqq il-medjatur Dr. Barbara O'Brien ghalqet il-medjazzjoni (Dok VB3) .*

2. *Il-mandat ta' qbid inhareg fuq talba tal-esponenti sabiex tikkawtela l-manteniment taghha u l-valur ta' zewg vetturi u dghajsa li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-manteniment hu kkkalkulat fis-somma ta' €12,000. Il-vetturi gew ikkalkolati li jiswew €35,000 u €13,000 u l-boat giet ikkalkulata li tiswa €35,000.*

3. *Illi l-esponenti, ladarba kienet rinfaccjata bin-nuqqas tar-rikorrenti li jaghti l-manteniment ghaliha u ghaz-zewgt uliedha kellha tiehu azzjoni biex tikkawtela id-dritt ghal hlas tal-manteniment. Ma kellhiex ghalfejn tistenna li jkun hemm digriet tal-Qorti li tifissa l-manteniment. Il-mantiment gie ikkalkulat fl-ammont ta' €46 fil-gimgha, u s-somma kawtelata ta' manteniment tirraprezenta manteniment ghal hames snin.*

4. *L-esponenti tirrileva illi il-vetturi ghalkemm fuq isem Montebello Enterprises Limited effettivament jappartjenu lilha u lil-zewgha r-rikorrenti u tabilhaqq i1-vetturi jinstabu fil-pussess tar-rikorrenti. Li kieku Montebello Enterprises Limited kellha xi interess fil-vetturi ma jkunux maqbuda bil-mandat ta' qbid, hija setghet bhala l-unika persuna li ghandha interess titlob hi stess lil din l-Onorabbli Qorti illi l-vetturi ma jibqghux oggett tal-mandat ta' qbid. Tabilhaqq li kieku il-vetturi huma ta' propjeta' ta' terzi, kif qed jghid ir-rikorrenti, hu m'ghandux l-interess guridiku sabiex jitlob li l-mandat ma jibqax vigenti fuq l-istess vetturi. Hu ovvju li ir-rikorrenti qed jipprova inehhi 1-vetturi mill-patrimonju tal-komunjoni tal-akkwisti sabiex jeludi' d-drittijiet tal-esponenti fuqhom.*

5. *Illi fir-rikors tieghu ir-rikorrenti ma jaghmel ebda riferenza ghall-boat.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet l-esponenti tissottometti illi l-hrug tal-mandat ta' qbid kien mhux biss ragjonevoli imma necessarju sabiex d-drittijiet tal-esponenti jkunu kawtelati adegwatament.*

*Ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi migjuba minn Marlon Bonello, jirrizulta illi huwa zzewweg lil Victoria Bonello u ghandu zewt itfal bniet minuri ta' tlieta u sitt snin li jisimhom Katrina u Kaya. Ghal dan iz-zwieg japplika r-regime tal-komunjoni tal-akkwisti. Huwa ikkonferma illi martu ma tahdimx u qatt ma hadmet matul iz-zwieg. Marlon Bonello iddikjara illi martu kienet ir-raguni ghat-tifrik taz-zwieg tieghu, jaghmel allegazzjoni tal-adulterju u xhed illi martu abbandunat id-dar u marret tghix id-dar m'ommha mat-tifla Kaya, waqt illi Katrina baqghet tghix mieghu. Huwa ikkonferma illi gew inizjati proceduri ta' medjazzjoni f'Mejju 2014 - vide fol. 49. Huwa ikkonferma li huwa baqa' jipprovdi l-ikel fid-dar izda ma jghaddilhiex manteniment. Huwa ikkonferma illi z-zewg karozzi indikati fil-mandat ta' qbid ma baqghux jappartjienu lil konjugi Bonello ghaliex hu u martu kienu iffirmaw *transfer* biex jerga johodhom sidhom, Montebello Enterprises Limited. Bonello stqarr li kien lahaq hallas madwar sebat elef Ewro (€7,000) fuq iz-zewg karozzi. Huwa xhed illi allavolja sa dan l-ahhar, kien jahdem ghall-rasu u kellu hanut *minimarket,* huwa beda sejjer lura u ghaldaqstant

*"Xhud: Tajtu lis-sid lura u s-sid wellieh lil haddiehor.*
*Qorti : Min hu dan haddiehor?*
*Xhud: Ohti tigi."* - vide fol. 52.

In kontro ezami, Marlon Bonello ikkonferma li fil-5 ta' Marzu 2014 l-avukat tieghu kien baghat ittra sabiex tigi inizjata s-separazzjoni bejnu u bejn martu. Bonello ikkonferma illi martu kienet gabet maghha qabel iz-zwieg mija u ghaxart elef liri Maltin (Lm110,000) u kien qed jippretendi li kollox jinqasam bin-nofs. Bonello xhed illi minkejja illi iffirmaw

it-*tranfer* taz-zewg vetturi meritu tal-mandat odjern, dawn iz-zewg karozzi kienu ghadom fil-pussess tieghu u kien ghadu juzhom ghaliex id-*dealer* sellifhomlu - vide fol. 55 u 56.

Bonello in kontro ezami, xhed illi minkejja illi hu sab illi l-*minimarke*t tieghu ma kienx ekonomikament vijabbli, ohtu kienet hadet it-twellija tal-hanut u kienet impjegatu *part-time*. Huwa ikkonferma illi ma hallasx il-kontijiet tad-dawl u ilma tad-dar konjugali ghaliex ma setghax. Ikkonferma ukoll li ma huwa qed jghaddi ebda flus bhala manteniment lill-martu, u ikkonferma li m'ghadux jghix id-dar kuljum ghaliex ***"id-dar mhux abitabli... ... m'hemmx id-dawl u ilma"***- vide fol. 57 u 58.

Victoria Bonello ezebiet tlett rapporti tal-pulizija Dok. VB1 datat 2 ta' Gunju 201, Dok. VB2 datat 14 ta' Gunju 2014, u Dok. VB3 datat 26 ta' Gunju 2014. Victoria Bonello ikkonfermat li hija telqet mid-dar 'l ghaliex ma setghatx tabita fiha u dana minhabba il-fatt li l-intimat beda jaqtalha il-*wires* tal-*appliances* inkluz il-*washing machines* u l-*fans*, u minhabba l-fatt illi l-ilma u l-ettetriku fid-dawl fid-dar kien ilu maqtugh ghal dawn l-ahhar xahrejn. Illi apparti dana kollu, Marlon Bonello beda jixhet iz-zokkor u l-kafe' mal-art, jxerred il-kontenut tar-*rubbish bin* mal-art, u johdilha l-lozor mis-sodda. Victoria Bonello xhedet illi l-ahhar darba illi zewgha ghaddielha manteniment kien f'Jannar / Frar 2014. Victoria Bonello xhedet illi Katrina qedgha tghix ma zewgha ghaliex hekk eziga zewgha Marlon u mhux 'l ghaliex hija kienet tat il-kunsens taghha ghal dan l-arrangament.

**Ikkonsidrat:**

Il-kawza tikkoncerna talba da parti ta' Marlon Bonello ghar-revoka contrario imperio tal-mandat ta'qbid numru 116/2014 'l ghaliex mhux prima facie gustifikat, ragjonevoli jew gustifikabbli ai termini tal-Artikolu 836(1)(d)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u talba ghal hlas tal-penali ai termini tal-Artikolu 836(8) u hlas ta' danni skond 836(9) apparti talba ghas-spejjez tal-kontro mandat opportun.

Illi l-**Artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** jipprovdi li :

***"(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intmat li jkun hareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox sew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:-***

***(a) Sa (c) Omisses***

***(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv;***

***(e) Omisses***

***(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli".***

Qabel ma tezamina, l-kawzali fuq indikati, din il-Qorti sejra isemmi uhud mill-principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar Revoka ta' Mandati Kawtelatorji.

Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta'Mandati Kawtelatorji **fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed *prima facie***. Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** tas-**26 t`April 2002** per **Onor Imhallef Dr. G. Camilleri** intqal hekk:-

*"Skond l-***artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12** *jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu*

*mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

Illi fid-digriet fl-ismijiet**"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** tal-**10 ta' Mejju 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** , u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" tad-29 ta' Novembru 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad ukoll

*"li mid-dispozizzjoni tal-istess* ***Artikolu 836*** *jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **"Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti"** tas- **27 ta' Gunju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad:-

***"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa***

> ***Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)".***

Vide ukoll (**"Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian**" –tat-**30 ta ` Mejju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace**) kif ukoll "**John Zarb vs Port Cottonera Ltd**" tas-**16 ta` Settembru 2002** per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia**).

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Ivanka Jovanovic Axisa vs Ronald Axisa** deciz fit-**18 ta' Dicembru, 2013** mill-**Imhallef Dr. S. Meli** li fih gie ritenut illi:

> ***9.1 Illi jirrizulta effettivament pacifiku bejn il-kontendenti li l-procedura fil-Qorti tal-Familja ghadha fi stadju tal-medjazzjoni;***
>
> ***9.2 Illi pero` hi l-fehma ta' din il-qorti li l-procedura de quo qieghda f'dak l-istadju semplicement <u>ghaliex hu obbligatorju li kontendenti jibdew l-iter gudizzjarju hemm involut b'din il-procedura</u> – li ghall-persuni maturi li gia` ddecidew x'jaghmlu b'hajjithom, hi biss procedura dispendjuza fiz-zmien mehud u fil-finanzi li l-esperjenza tghallimna li jigu involuti, jekk mhux ukoll umiljanti – nonostante is-success li l-istatistika tista' turi minn zmien ghal zmien;***
>
> ***9.3 Illi in effetti din il-fazi procedurali sollevata mill-intimat m'hi xejn <u>hlief l-ewwel pass ghas-separazzjoni personali</u>, u ghalhekk ghandha tittiehed li effettivament hi parti integrali***

> ***mill-procedura tas-separazzjoni vera u proprja, u mhux separata minnha;"***(Enfasi ta' din il-Qorti)

Mill-provi migjuba a konjizzjoni ta' din il-Qorti jirrizulta almenu sal-grad tal-prima facie illi bejn il-konjugi Bonello **gia gew inizjati l-proceduri ta' medjazzjoni xahrejn ilu. Ghalhekk isegwi illi gie inizjat l-ewwel pass tal-proceduri tas-separazzjoni personali bejniethom.**

Illi di piu' **il-fonti ta' dritt ta' manteniment** ghal mara mizzewga u uliedha **hija l-ligi** u mhux digriet ta' manteniment pronunzjat mill-Qorti. Illi l-Qorti rat illi l-manteniment kawtelat huwa mahdum fuq perijodu ta' hames snin, b'rata ta' sitta u erbghin Ewro (€46) fil-gimgha, ghaliha u ghall-uliedha, liema rata hija pjuttost baxxa u wahda li tidher li giet mahduma bilghaqal.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti tqis, illi mara mizzewga, kostretta li titlaq mid-dar taghha reza inabitabbli minhabba illi zewgha ma hallasx il-kontijiet tad-dawl, bil-konsegwenza ta' qtugh tas-servizzi kollha, ghandha d-dritt illi tikkawtela, ghaliha u ghall-uliedha, d-dritt tal-manteniment bil-mezzi kollha li ttiha l-ligi, aktar u aktar meta zewgha qed jaghmel l-almu tieghu biex jahbi l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti – vide l-cosidett "twellija" tal-*business* principali ta' Marlon Bonello lill-ohtu.

Illi ghar-rigward tal-karozzi indikati fir-rikors promotorju, l-Qorti ezaminat ix-xhieda ta' Stephen Cachia ghall-Awtorita ghat-Trasport f'Malta li ikkonferma illi l-vetturi BMW bin-numru tar-registrazzjoni BON023 u BMW bin-numru tar-registrazzjoni DBV703 gew trasferiti lill-Montebello Enterprises Limited, fil-11 ta' Marzu 2014 u ezebixxa Dok. SC, SC1 , SC2 u SC3. Stephen Cachia ma setghax jikkonferma jekk kemm-il darba dawn il-karozzi kienux fil-pussess ta' Angelo Montebello.

Ghar-rigward tal-vetturi BMW BON023 u BMW DBV703, din il-Qorti tgharaf illi Marlon Bonello m'ghandu ebda interess guridiku sabiex jintavola talba fuq dawn il-vetturi, 'l ghaliex dan jista' jsir biss minn Montebello Enterprises Limited. **Jibqa' kurjuz ghall-ahhar, kif erba' xhur wara l-allegat *transfer,* iz-zewg karozzi jibqghu fil-pussess u tgawdija ta' Marlon Bonello.**

Illi ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-mandat ta' qbid 116/2014 huwa prima facie gustifikat, ragjonevoli u gustifikabbli ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghaldaqstant il-Qorti tichad it-talba ghar-revoka contrario imperio tal-mandat 116/2014 .

Gialadarba giet michuda l-ewwel talba isegwi li l-Qorti ghandha tichad it-tieni, t-tielet u r-raba' talba, ghall-hlas ta' penali, danni u spejjez stante li dawn huma legalment insostenibbli.

Illi kif gie ritenut ripetutament minn dawn il-Qrati, minn jagixxi biex jissalvagwardja id-drittijiet tieghu ma jistghax jigi punit talli ghamel dan, anki f'kaz fejn l-azzjoni tieghu ma jkollhiex ezitu favorevoli. - vide **Emanuel Gauci noe. et. vs Michelina Bugeja et.** deciza **fis-6 ta' Mejju 2014 mill-Magistrat Dr. J Demicoli;** u **Joseph sive Joe u Mary konjugi Parnis vs Raymond u Joan sive Jane konjugi Pace** deciza **28 ta' Settembru 2001 Mhallef Dr. J .R. Micallef .**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ecezzjonijiet ta' Victoria Bonello, tichad it-talbiet ta' Marlon Bonello bl-ispejjez kontra tieghu.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------